MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2009

Avviz Numru. 220/2007

**Avv. Michael Falzon**

**vs**

**Saviour Balzan proprju u/jew Matthew Vella fil-kapacita tieghu bhala l-Editur tal-Malta Today Midweek**

## Il-Qorti:-

Rat r-rikors tal-attur ipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar s-sbatax (17) ta' Lulju 2007 fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna lil konvenut f'ismu proprju u/jew Matthew Vella fil-kapacita tieghu bhala Editur tal-'Malta Today Midweek' ihallsu kull wiehed jew min minnhom, s-somma ta' mhux aktar minn hamest elef lira maltin (LM5000) bhala danni ai termini tal-artikolu 28 tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta u dan stante li b'artikolu ppubblikat fil-gurnal 'Malta Today Midweek' ta' nhar d-disgha (9) ta' Mejju 2007, intitolat '*I'm waiting*' (Dok. MF

1), huma jew min minnhom immalafamaw lil attur bil-ghan car li jtellfulu jew inaqqsulu r-reputazzjoni tieghu.

Bl-ispejjez u u l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat n-nota t'eccezzjonijiet tal-konvenuti Saviour Balzan u Matthew Vella ppresentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-hdax (11) t'Ottubru 2007 (fol. 7) fejn eccepew li:

"Preliminarjament in-nullita tarr-rikors billi l-uzu tal-kliem 'u/jew' fl-okkju jifghu dubbju serju min mill-konvenuti huwa qed jigi fil-fatt imharrek u l-ligi trid li ghandu jkun hemm dizenjazzjoni cara tal-identita tal-partijiet imharrkin.

Primarjament wkoll in-nuqqas ta' kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti ghaliex t-talba hi ghal soma ta' hamest elef lira 'kull wiehed jew min minnhom'. Il-parti 'kull wiehed' tfisser li qed issir talba li evidentement teccedi l-kompetenza ta' din l-Qorti *ratione valoris*.

Subordinatament u minghajr pregudizzju li l-artikolu inkriminat mhux libelluz. Dan jikkonsisti f'artikolu kritiku fil-konfront ta' certu agir tal-attur, li huwa persuna prominenti fil-kamp politiku Malti w ghalhekk suggett ghall-inskrutinju tal-media kif mehtieg f'demokrazija moderna.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi."

Rat l-verbal tas-seduta tal-erbatax (14) ta' Jannar 2008, (fol. 9) fejn l-avukat difensur tal-attur Dottor Edward Zammit Lewis iddikjara li ai fini tat-tieni eccezzjoni hekk kif imressqa, l-attur mhux jitlob somma komplessiva ta' aktar minn dak permess mill-Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta .

Rat li in vista ta' din d-dikjarazzjoni l-avukat difensur tal-konvenuti Dottor Richard Galea Debono rtira t-tieni eccezzjoni tieghu.

Rat li fl-istess seduta Dottor Edward Zammit Lewis ghal attur irrileva li l-konvenut Saviour Balzan kien qed jitharrek fil-vesti personali tieghu bhala l-awtur tal-artikolu ‘n kwistjoni u l-konvenut Matthew Vella qed jitharrek bhala l-Editur tal-‘Malta Today Midweek’ billi fil-jum li gie ppubblikat l-artikolu ‘n kwistjoni, hu kien l-Editur ta’ dan il-gurnal.

Rat li fl-istess seduta, Dottor Richard Galea Debono, fid-dawl ta’ din d-dikjarazzjoni, rrinnzja ghal ewwel eccezzjoni tierghu bla pregudizzju ghal mertu tal-kaz.

Rat in-nota tal-attur pprezentata fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar t-tnejn w ghoxrina (22) t’Ottubru 2008 (fol. 22) li permezz taghha huwa esibixxa ittra li huwa ircieva mid-diaprtiment tal-Informazzjoni datata 16 ta’ Ottubru li giet markata bhala dok. DO 11 (fol.23) fejn jirrizulta li fid-9 ta’ Mejju 2007 Mathew Vella, il-konvenut kien l-editur tal-gurnal Malta Today Midweek.

Rat wkoll n-nota tal-konvenut ippresentata seduta stante nhar l-hdax (11) ta’ Marzu 2009 li permezz taghha esibixxa kopja tal-gurnal ‘Illum’ tas-sitta (6) ta’ Mejju 2007 bhala Dok. SB 1 (fol.43).

Rat wkoll l-*e-mail* mibghuta minn Joe Borg lill-attur esibita mir-registratur tal-Qorti markata bhala Dok. Z a fol 48 et seq tal-atti.

Semghet il-partijiet jittrattaw il-kawza u dan fis-seduta tas-27 ta’ Novembru 2009 u jawtorizzaw lil Qorti tghaddi ghas-sentenza.

Rat illi fil-mori tal-kawza l-konvenuti iritiraw l-ewwel zewg eccezzjonijiet taghhom u ghalhekk illum il-kawza tinsab differita fuq il-mertu fid-dawl tat-tielet eccezzjoni sollevata mill-konvenuti.

Ikkunsidrat:-

Illi nhar d-dsatax (19) ta’ Frar 2008 xehed l-attur **Dottor Michael Falzon** (fol. 11) fejn hu ghamel referenza ghall-

artiklu li deher fil-gazzetta ‘Malta Today’ nhar id-disgha (9) ta’ Mejju 2007 esebit fl-atti a fol. 2A immarkat bhala Dok. MF 1. Dwar dan qal li wara li hu kien qara dan l-istess artikolu hass ruhu ngurjat ghal diversi ragunijiet u li fil-fehma tieghu l-artikolu kollu huwa libelluz. Qal li l-artikolist ipprova jaghti interpretazzjoni li hu, b’xi mod ta ordni lill-Kummissarju tal-Pulizija u li hu kien qed juza l-Korp tal-Pulizija jew il-Kap taghha ghal xi skopijiet politici anke interni. Qal li l-artikolist ipprova jaghti xi idea ghaliex b’xi mod jew iehor hu kien qed juza l-pulizija b’mod specifika lil John Rizzo l-Kummissarju tal-Pulizija sabiex imexxi xi agenda personali tieghu. Ix-xhud qal li hu fl-ebda hin ma pprova jiddetta lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jaghmel dak li deherlu hu bhala attur.

Qal li l-fatti li dwarhom kien qed jikkummenta l-artikolist huma li hu (ix-xhud) kien ircieva xi *e-mails* kif ukoll xi ittri anonimi fejn minnhom hu hass li kienu theddid w ghalhekk mar bihom ghand il-Kummissarju tal-Pulizija sabiex issir xi nvestigazzjoni dwarhom.

Ikkonferma pero li wara din il-laqgha hu ma regghax tkellem mal-Kummissarju tal-Pulizija u qatt ma pprova jindahal jew b’xi mod iehor jinfluwenza l-investigazzjoni taghhom. Ix-xhud ghamel riferenza ghat-tieni kolonna fejn hemm *highlighting* bil-kulur ahdar fejn hass ruhu ingurjat u sostna li hu fl-ebda hin ma ta xi pariri kif ghandu jmexxi f’din l-investigazzjoni l-Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo.

Qal li dan l-artikolu kellu diversi riperkussjonijiet fosthom wasslet ghal kitba ohra fl-istess gurnal, anzi qal li l-Perit Michael Falzon sussegwentement kiteb l-istess tip ta’ artikolu bl-istess ton u gie kkumparat sahansitra anke xi tip ta’ dittatur. Qal li hemm libell iehor pendenti quddiem din il-Qorti diversament preseduta.

Spjega li meta tkun kandidat ghal xi elezzjoni generali dawn it-tip ta’ artikoli ma tantx jaghmlulek gid specjalment meta jkunu parti minn sensiela mahruga mill-istess persuna.

Illi nhar l-erbatax (14) t’Ottubru 2008 xehed **l-Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo** (fol. 19) fejn mistoqsi jekk qrax l-artikolu esebit f’dawn l-atti mmarkat bhala Dok. MF 1 imsejjah ‘*I’m Waiting*’ li deher fil-Malta Today tad-disgha (9) ta’ Mejju 2007 wiegeb li kien qrah. Mistoqsi jekk hax azzjoni fuq dan l-artikolu wiegeb li iva kien ha w effettivament kien ipprezenta libell. Qal li r-rapurtagg li kien hemm f’dan l-artikolu mhux ezatt.

Qal li jiftakar li Dottor Michael Falzon kien talab appuntament mieghu fil-kapacita’ tieghu ta’ Kummissarju tal-Pulizija u hu kien laqgha dan l-appuntament. Qal li jekk ma kienx sejjer zball kienu ltaqghu nhar l-ewwel (1) ta’ Dicembru 2006. Qal li meta mar ikellmu sar jaf li huwa xtaq ikellmu fuq ittra anonima li kien ircieva liema ittra li rcieva kien fiha theddid fil-konfront tieghu. Qal li apparti t-theddid, Dottor Michael Falzon hassu mmalafamat biha u naturalment huwa talab li din l-ittra tigi nvestigata mill-pulizija. Qal li hu kien qraha u ra li kien hemm elementi kriminali fiha u staqsa lil Dottor Michael Falzon jekk kienx lest biex jaghmel il-kwerela biex jigu inizjati l-investigazzjoni taghhom peress li hu, kellu bzonn il-*complaint* ta’ l-*injured party* biex jipprocedi. Kompla jghid li Dottor Michael Falzon qallu biex jipprocedi rrilevanti min kienet il-persuna una volta jaslu.

Qal li Dottor Michael Falzon kien qallu wkoll li kien ircieva xi *e-mails*. Spjega li ghalkemm l-*e-mail* kienet aktar sottili, ma kienx fiha dan it-tip ta’ theddid li hu kien qara f’din l-ittra ghalkemm l-*e-mail* kienet ukoll anonima. Ix-xhud kompla jghid li hu talab lil Dottor Michael Falzon biex jibaghtlu kopja ta’ din l-*e-mail* pero’ peress li fil-fehma tieghu seta’kellha xi *bearing* fuq din l-ittra.

Qal li wara li kien ircieva kopja ta’ din l-*e-mail* hu kien irrifera din l-*e-mail* lid-dipartiment tas-CID biex ikomplu jinvestigaw fuqha kif effettivament kien ghamel fuq dik l-ittra li kien tah w ghalhekk is-CID bdew bl-investigazzjoni taghhom.

Qal li dak iz-zmien kienet investigazzjoni normali bhal mijiet li jkollu. Qal li hu ma kellu l-ebda nvolviment iehor

f’din il-kwistjoni. Qal li jekk ma kienx sejjer zball, kien xi xhur wara li hu beda jiffolowjha biex jara x’kienet l-*outcome* tal-*investigation*. Qal li jekk ma kien sejjer zball inkontri bejnu u Dottor Michael Falzon in konnessjoni ma’ din il-kwistjoni kien hemm dik id-darba meta mar ikellmu. Qal li setgha kien hemm xi telefonata f’dan il-kaz, pero bhala nkontri sa fejn ftakar, darba kien hemm. Qal li fil-fatt jista’ jkun li xi xhur wara kien cempillu Dottor Michael Falzon u kien allega li din l-ittra kienet se tigi ppublikata u hu (ix-xhud) kien qallu li ma kellu x’jaqsam xejn maghha.

Qal li fil-fatt hadha daqsxejn ta’ sorpriza li l-investigazzjoni tal-pulizija tigi f’idejn in-nies ghaliex effettivament lanqas hu ma kien jaf bir-rizultat taghha. Zied jghid li kien minn hemmhekk ‘il quddiem li beda jiehu nteress. Spjega li kien hemm dikjarazzjoni maghmula minn Dottor Michael Falzon u jekk ma kienx sejjer zball, kien hemm dan l-artikolu. Dottor Micahel Falzon qatt ma cempilliu aktar fuq din l-investigazzjoni u m’indahal bl-ebda mod. Ix-xhud qal li lanqas hu ma kien jaf bl-*outcome* taghha pero qal li jaf li din l-investigazzjoni zammha l-Ispettur Chris Pullicino u aktar tard l-Ispettur Chris Pullicino nternament kien ikkomunika mieghu. Mistoqsi jekk l-Ispettur Chris Pullicino ikkomunikax mieghu qabel jew wara dan l-artikolu wiegeb li ma kienx jaf, ghalkemm qal li jahseb li effettivament ikkomunika mieghu wara l-pubblikazzjoni ta’ dan l-artiklu.

**In kontr’ezami**, ix-xhud qal li wara li hu qara l-ittra ‘n kwistjoni kkonkluda li t-theddid ta’ Dottor Michael Falzon kien limitat fis-sens illi kienu lesti li jkissruh. Qal li l-konnessjoni bejn l-*e-mail* u l-ittra kienet fis-sens illi kemm l-ittra kif ukoll l-*e-mail* kienu anonimi, konnessjoni fil-kontenut ma kienx hemm. Qal li hu esibixxa kopja ta’ din l-*e-mail* fi proceduri li hemm pendenti quddiem il-Magistrat Dottor Silvio Meli u l-Magistrat Dottor Joseph Apap Bologna. Ikkonferma li l-Ispettur Chris Pullicino, fl-investigazzjoni tieghu, ghamel *search* ghand xi persuna u eleva sahansitra anke il-*computer* taghha. Qal li fil-konfront ta’ dik l-*e-mail* is-Sur Chris Pullicino kien talab l-assistenza tas-*cyber crime*. Zied jghid li mill-investigazzjoni li ghamlet is-*cyber crime* ittrejsjaw l-origini u s-*suspect* ta’ din l-*e-mail*. Qal li dan s-*suspect* kien mar

ikellmu pero' dan innega li huwa kien baghat xi *e-mail* lil Dottor Michael Falzon. Qal li kien ghalhekk li saret tfittxija fir-residenza ta' din il-persuna u *on the way* meta kienet sejra ssir it-tfittxija, s-*suspect* kien ammetta li kien hu li kiteb din l-*e-mail*.

Qal li nonostante, l-*pc* kien gie migbur u saret l-investigazzjoni fuqu u dan sabiex jara jekk kienx hemm xi relazzjoni mal-ittra anonima li rcieva l-istess Dottor Michael Falzon. Zied jghjid li l-unici talbiet li hu rcieva minghand Dottor Michael Falzon kienu dwar l-*e-mail* u l-ittra anonima ghalkemm deherlu li kien sorpriz bl-informazzjoni li kienet tat il-gazzetta 'Illum'.

**In ri-ezami**, ix-xhud qal li l-procedura 'n kwistjoni dwar l-investigazzjoni kienet wahda normali u li s-*search* saret ghaliex kien hemm suspett ragjonevoli fuq kaz kriminali.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin (27) ta' Jannar 2009 xehed **l-konvenut Saviour Balzan** (fol. 30) fejn qal li l-konkluzzjonijiet tieghu msemmija fl-artikolu li effettivament gie pubblikat kienu bazati fuq zewg binarji partikolarment. Qal li originarjament kienet dehret storja fil-gazzetta 'Illum' li tohrog kull nhar ta' Hadd, dwar investigazzjoni li kienet qed issir mill-pulizija dwar ittra anonima li kien ircieva Dottor Michael Falzon li kienet fil-fatt *e-mail*. Qal li kien jirrizulta lil pulizija li l- *e-mail* anomina li kienet intbaghtet lil attur kien gie mibghut minn Mr. Dougall. Qal li originarjament l-pulizija kienu hasbu li l-persuna li kienet baghtet l- *e-mail* lil Dottor Michael Falzon qabel ma saru jafu li effettivament kien Mr. Dougall, kienet l-istess persuna li kienet qed tibghat xi ittri ohra ta' theddid lil istess attur. Qal li fil-fatt, in segwitu tal-hsieb taghhom kienu sahansitra elevaw xi *computer*. Zied jghid li fil-fatt l-pulizija kienu taw lil Mr Dougall xi police bail wara li saru jafu li kien baght din l-*e-mail* biex ikomplu bl-investigazzjoni taghhom. Qal li l-gazzetta 'Illum' kienet irrappurtat dan kollu minghajr pero ma semmiet l-persuna ta' Mr Dougall.

Spjega li 'n segwitu tal-pubblikazzjoni li kienet dehret fil-gazzetta 'Illum' nhar sitta (6) ta' Mejju 2007, l-attur kien

ghamel indirizz olitiku fl-istess jum tas-sitta (6) ta' Mejju 2007 fil-kazin laburista tar-Rabat fejn kien ikkritika d-dmir tieghu (tax-xhud) kif wkoll tal-gurnalisti tieghu (tax-xhud) fis-sens li kienu ppubblikaw dan l-artikolu fil-gazzetta 'Illum' li ghamel referenza ghaliha. Qal li d-diskors tal-attur kien instemgha fuq Radio Super One u hu stess kien semghu wkoll. Qal li dan id-diskors jinkiteb fuq *site* tal-Malta Today.

Ix-xhud ghamel referenza ghat-tieni faccata tat-traskrizzjoni ta' dan d-diskors partikolarmaent ghar-raba (4) paragrafu li jibda '…*imma li llum tiftah l-gazzetta* …' Ix-xhud spjega li hu kien qed jaghmel marki bil-pinna sewda ghal dik il-parti tal-indirizz tal-attur li hu jhoss li huma ngurjuzi u esibixxa kopja dattilografata tal-indirizz li kien ghamel referenza shiha fix-xhieda tieghu, bhala Dok. SB.

Dwar l-artikolu li hu kiteb fil-gazzetta 'Malta Today Midweek' tal-harga tad-disgha (9) ta'mejju 2007, liema artikolu jinsab eisbit bhala Dok. MF 1, ix-xhud qal li f'dan l-artikolu hemm *highlighted* certi partijiet w ghalhekk hu kien ser jillimita x-xhieda tieghu ghal istess. Stqarr li dan l-artikolu gie ppubblikat tlett ijiem wara l-harga li dehret fil-gazzetta 'Illum'.

Qal li hu ma kien ghamel xejn illegali f'dak li rrapporta u cioe li rraporta li kienet qed issir investigazzjoni mill-pulizija. Qal li mhux normali ghax-xoghol tieghu pero f'dan il-kaz kien iddecieda li jcempel hu personalment lil attur biex jistaqsih fuq dan il-kaz biex zgur ma jkunx hemm malintiz. Qal li hu ppubblika l-fatti kif fehmhom hu u l-opinjoni tieghu hija bazata fuq reazzjoni li ha l-istess attur waqt diskors li ghamel gewwa l-kazin laburista. Qal li filwaqt li jaccetta li fil-gallarija kien qed ikun hemm hafna diskors, sabha daqsxejn ambigwa li politiku jordna lil Kummissarju tal-Pulizija sabiex jipprocedi kontra gurnalist u hu (ix-xhud), ghadda l-kummenti tieghu f'dan r-rigward. Ix-xhud esibixxa wkoll kopja ta' CD ta' dan l-istess diskors li gi market bhala Dok. SB 1.

Ikkunsidrat ulterjorment:-

Il-Qorti semghet b'attensjoni dak li qalu l-avukati difensuri fit-trattazzjoni taghhom dwar dak li effettivament ghandha tiggudika.

Filwaqt li l-attur ihoss ruhu malafamat b'artikolu ghaliex ighid li l-konvenut insista li hu kien ta xi ordni lil Kummissarju tal-Pulizija kif ghandu effettivament ighamel l-indagini tieghu u li sahansitra l-attur jghid li l-konvenut irraporta li l-attur kien taha struzzjonijiet lil Kummissarju tal-Pulizija li ghandu jressaq l-kolpevoli (l-awturi tal-ittra u *e-mail* anonimi) l-Qorti.

Id-difensur tal-konvenut invece jghid li din il-Qorti ghandha tara dan l-artikolu fid-dawl ta' dak li rraporta Saviour Balzan fuq id-diskors li kien ghamel l-attur gewwa il-Kazin Politku tal-Labour, r-Rabat. Jghid li veramanet l-konvenut kien qed jikkritika b'mod passiv dak li effettivament kien qal l-attur stess li kien ghamel.

Ghalhekk, skond il-konvenut, l-Qorti l-ewwel trid tesamina u tifli dak li qal l-attur fil-kazin imsemmi u sussegwentement tara jekk l-konvenut ippublikax fedelment dak li stqarr l-attur.

Fil-kawza fl-ismijiet **<u>il-Pulizija vs Joseph Olivieru Munroe</u>** (XXX111.1V.824) jinghad li:-

"*F'materja ta ingurja permezz ta' l-istampa, l-ingurja tista tirrizulta permezz ta inuendo' L-innuendo jista jkun ta zewg xorti jigifieri* ***(a)*** *dak lipermez tieghu jigi identifikat l-persuna li ma tkunx issemiet b'isimha u* ***(b)*** *dak li permezz tieghu jigi stabbilit is-sens tal-kliem ritenut ingurjuz mill-persuna li giet ingurjata*."

Huwa mportanti jinghad f'dan l-istadju ghalhekk li sabiex wiehed jasal biex jghamel l-ezami jekk artikolu hux libelluz jew le, wiehed ghandu jhares mhux biss il-bran denunzjat, imma lejn l-artikolu kollu kemm hu li jikkontjeni tali bran u f'din il-materja hu elementari li wiehed jikkonsidra mhux dak li setgha talvolta kellu f'rasu min kiteb l-artikolu imma <u>dak li fil-fatt kiteb</u>, ghaliex dak hu li jaqra il-qarrej. (Vide

**Domnic Mintoff vs Thomas Hedley et** deciz fit-tmienja w ghoxrin (28) ta' Novembru 1953).

Jinghad ukoll, peress illi l-attur huwa persuna fil-politika ghaliex effettivament hija persuna li kienet qed tikkontesta ghall-Elezzjonijiet Generali li kienu fil-vicin w effettivament dak iz-zmien li inkiteb l-artikolu, huwa kien Vici Kap ta' partit politiku w ghalhekk huwa rilevanti dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Mons Anton Gauci vs Michael Schiavone et** deciza nhar it-tmienja (8) ta' Novembru 1995, meta ntqal is-segwenti:

*"Il-margini ta' tolleranza twessa u mhux kull kumment qawwu u anki azzardat jikkwalifika bhala ingurja." " dan li l-Qorti ghandha tippermetti l-attitudini fil-kritika li tista tkun mhux bixx iebsa izda ukoll azzardata entro il-limiti accettati tad-dicenza permessibbli f'socjeta demokratika" u tali regoli ghandhom jigu applikati b'iktar wiesgha f'kazijiet li jeha hija indirizzata tali kritika tkun ta certu notorjeta pubblika, il-kritika tkun ta' interess pubbliku, u fejn il-kritika tkun ibbazata fuq u mibnija madwar fatti li jkunu sostanzjalment veri*."

Illi l-istess gie affermat fis-sentenza **John Zammit vs Felix Agius** (deciza nhar il-hmistax (15) ta' Marzu 2001, **Dr. Joseph Troisi vs Rev Fr Emmanuel sive Noel Grima et,** u **Joseph Caruana vs Rev Fr Emmanuel sive Noel Grima et** u **Prof Anthony de Bono vs Fr. Noel Grima** ilkoll decizi mill-Prim Awla nhar it-tlieta (3) t'Ottubru 2000*).*

Huwa mportanti ghalhekk li l-interpretazzjoni li trid tinghata lil xi kitba, hija dik moghtija minn kif ighidu l-Inglizi '*the ordinary man in the street*'.

Fis-sentenza kwotata mill-iatess attur fit-trattazzjoni tieghu fl-ismijiet **Perit Joseph Boffa vs John A Mizzi** deciza nhar il-wiehed w ghoxrin (21) t'Ottubru 2002 gie ventilat l-argument fuq x'interpretazzjoni l-qarrej ordinarju jattribwixxi lill-klliem fil-kuntest tieghu. B'qarrej ordinarju, wiehed necessarjament jifhem dak li fid-duttrina Ingliza fuq is-suggett jisejjah '*right thinking person*". Appuntu

persuna li ma toqghodx tissottilizza imma tifhem il-kliem fil-mod ordinarju kif jinftiehem.

Huwa pero daqstant importanti li jigi sottolinejat li fost il-principji llum stabiliti fil-kamp tal-liberta tal-istampa, huwa il-bilanc li jrid jinzamm bejn "il-bzonn li fis-socjeta demokratika jithalla spazju sufficjenti ghall-liberta li wiehed jikkritika u li jsemmi l-opinjoni u l-gudizzju tieghu, mal-bzonn l-iehor xejn anqas mehtieg, tad-difiza tar-reputazzjoni, l-unur, l-isem tajjeb li kull persuna f'socjeta demokratika ghandu kull dritt li jgawdi." (**Vincent Borg vs Vitor Vamilleri et** deciza nhar il-hmistax (15) ta' Novembru 1994.)

Fis-sentenza tal-***House of Lords*** tat-tmienja w ghoxrin (28) t'Ottubru 1999, fl-ismijiet **Reynolds vs Times Newspapers Limited and Others** Lord Hobhouse of Woodborough qal is-segwenti:-
*"The liberty to communicate (and) receive information has a similar place in a free society but it is important always to remember that it is the communication of information not misinformation which is the subject of this liberty. There is no human right to disseminate information that is not true. No public interest is served by publishing or communicating misinformation. The working of a democratic society depends on the members of that society being informed not misinformed. Misleading people and the purveying as facts statements which are not true is destructive of the democratic society and should form no part of such a society. There is no duty to publish what is not true, there is no interest in being misinformed. These are general propositions going far beyond the mere protection of reputations."*

Issa, l-konvenut qed ighid illi huwa ha l-informazzjoni li ipproduca f'artikolu li deher fil-gazzetta 'Malta Today Midweekly' direttament mid-diskors li kien ghamel l-attur stess gewwa il-kazin politiku tar-Rabat. Qal li huwa ipproduca dak li qal hu stess b'mod gurnailistiku.

Id-difiza tieghu stqarret li jista jkun li l-manjera tieghu ma kienitx wahda tant felici f'dawn ic-cirkostanzi, pero zgur li

tirrifletti l-verita tal-fatti, ghalkemm eccezzjoni bhal din m'inghatatx.
Issa, fid-diskors tieghu esebit fl-atti a fol. 34 et seq, l-attur jitkellem dwar l-inkontru li huwa kellu mal-Kummissarju tal-Pulizija fuq rikjesta tieghu minhabba xi ittri u *e-mails* anonimi li kien ircieva.

Jidher li l-attur kien mugugh fid-diskors tieghu u sahansitra anke rrabjat.  Jghid li kien iltaqa mal-Kummissarju tal-Pulizija li kien staqsih jekk kellux xi suspett f'min setgha kien l-awtur u jghid li ma kellux, pero jghid, fuq domanda maghmula minnu mill-Kummissjaru tal-Pulizija, li jkun min ikun il-malvivnet, huwa staq li jittiehdu passi kriminali kontra tieghu u kien sahansitra anke awtorizza lill-Kummisarju tal-Pulizija sabiex jiehu l-passi legali  necessarji ghan-nom tieghu. Ex admisis ighid " …*U Jien minn hawn lill-Kummissarju tal-Pulizija nghidlu li ghandu jibghat ghal Saviour Balzan biex ighidlu minn jahseb li ktieb l-ittri anonimi lis-Segretarju Generali halli jipprocedi. Kif ghidtlu jien, ikun min ikun"*.

Hawnhekk ma hemmx dubbju li l-attur kien dispjacut b'dak li kien gara, pero ma jirrizultax li kien qed jaghti xi ordni lil Kummissarju tal-Pulizija, anzi kien qed ighid li lill-Kummissarju tal-Pulizija qallu sabiex jipprocedi f'kaz li jirrizultalu l-awtur tar-reat.  Huwa m'ordnax lil Kummissarju tal-Pulizija sabiex jibghat ghal konvenut, izda qal li ghandu jibghat ghal konvenut bil-ghan li jigi skopert awtur ta' reat.

Il-Qorti ezaminat b'certu reqqa l-artikolu miktub mill-konvenut u jirrizulta bla dubbju ta' xejn, li l-konvenut kien qed jipprova jpoggi lill-attur, kif ighidu l-Inglizi '*in bad light*'. Taha x'jifhem li l-attur kien qed jikkmanda lil Kummissarju tal-Puilzija billi jaghtih ordnijiet ta' kif ghandu jmexxi l-investigazzjoni tieghu. Taha x'jifhem li l-Kummissarju tal-Pulizija kellu jagixxi skond l-istruzzjonijiet moghtija lilu mill-attur. Il-kliem uzati mill-konvenut xejn ma huma felici fic-cirkostanzi, tenendo kont li l-attur kien ser jikkontesta l-Elezzjoni Generali w in oltre kien kap ta' partit politiku. Taha *ad intendere* li f'kaz li jigi elett, l-attur konna ser nirritorna lura ghad-'*dark ages tal-eighties*'.  Fil-fatt l-

konvenut *in bad taste* ighid: '*…where does all this take us back to the times of the eighties*".

Ma hemmx dubbju li s-snin tmenin ma jirrifletux zminijiet sbieh fid-demokrazija ta' pajjizna w ghalhekk, referenza ghal dawn iz-zminijiet, hija referenza negattiva ghal operat tal-attur. Il-konvenut izid u jenfasizza li fl-artikolu tieghu ried iwassal messagg lil qarrej tieghu, li l-attur kienet persuna li kienet qed tapprofitta ruhha mill-kariga taghha ghaliex kienet qed tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija ta kif ghandu jaghmel investigazzjoni meta ighid "*… yes you heard right, the Police Commissioner taking orders from Michael Falzon*."

Hawnhekk l-konvenut ma jghomodx kliemu, izda huwa espress u car fil-messagg li jrid iwassal lil qarrej ordinarju.

Fid-difiza tieghu l-avukat tieghu jghid li Dr. Michael Falzon inghata xi trattament specjali mill-Kummissarju tal-Pulizija ghaliex fuq kwistjoni bhal din in desamina, u cioe li kien hemm rapport t'ittra anonima, ma kienx hemm ghalfejn il-laqgha issir mal-Kummissarju tal-Pulizija personalment u li kieku kienet persuna ordinarja ohra, zgur li l-Kummissarju tal-Pulizija ma kienx jiltaqa maghha.

Hawnhekk pero l-Qorti ghandha il-kaz tal-attur u jekk l-Kummissarju tal-Pulizija ghogbu jiltaqa mal-attur, zgur li ma hiex ser tkun il-Qorti li tghid ma min ghandu jiltaqa l-Kummissarju tal-Pulizija. Jista jkun li ghandu ragun il-konvenut f'dan l-argument, izda dan il-fatt, ma jifformax mertu tal-kaz in ezami.

Huwa minnu, kif stqarret id-difiza, li l-kliem per se ma kienx ingurjuz, pero bil-manjera kif intqal u cioe fid-dawl ta' kif gie espress, l-ingurja tissusisti.

Issa skond il-*case law* Ingliza:- "*if the defendant has published words which have in fact injured plaintiffs reputation, he must be taken to have intended the consewuences naturally resulting from his act.*"

L-istess principji dwar l-element morali japplikaw fil-gurisprudenza Taljana fejn jinghad li:-

"*Il dolo nella difamazione commessa col mezzo della stampa e in re ipsa onde non e da far ricerca sull'anomi vero e proprio de diffamare.*" (**Frola Delle Ingurie u Diffamazioni.)**

Il-konvenut sostna wkoll verbalment li huwa m'ingurjax u/jew immalafama l-attur, ghaliex huwa rriproduca dak li kien qal hu stess f'diskors pubbliku fuq imsemmi.

Jinghad pero kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet "**La polizia vs Dr. F. Mizzi et altri** deciza mill-Qorti Kriminali fis-sitta (6) ta' Marzu 1902 li:-

*"Nei reati di stampa la originalita non e criterio essenziale dell'inguria; e percio lo stampatore non e ne gutificato ne scusato dal fatto che l-articolo incriminato non e che la ripetizione delle dicerie corse o coreenti."* (vide ukoll **Police vs N Laiviera** deciza nhar l-wiehed w ghoxrin (21) t'April 1964).

**Ghar-ragunijiet fuq moghtija ghalhekk, il-Qorti thoss li l-konvenut ingurja lill-attur bl-artikolu tieghu li deher fil-gazzetta lokali 'Malta Today Midweekly' nhar id-disgha (9) ta' Mejju 2007.**

Dwar id-danni li ghandhom jigu likwidati, l-Qorti qiset dak li intqal, fil-konfront ta' min u fiz-zmien meta inghad.

Ghalhekk rat il l-ingurja saret fil-konfront ta' professjonist li kien qed jikkontesta l-Elezzjonijiet Generali ma partit politiku ghall-ewwel darba u li ghalhekk kien qieghed jipprova jakkwista l-fiducja ta' dawk in-nies li setghu jivvutawlu u d-diskors li ntqal setgha affettwa l-kariga tieghu una volta gie elett.

Il-konvenut taha kwadru li l-attur huwa bniedem arroganti u ta' poter kbir, tant li anke jikkmanda u jaghti ordnijiet lill-Kummissarju tal-Pulizija, liema attegjament gie kompletament negat mill-istess Kummissarju tal-Pulizija li

kkonferma li hu ma ha l-ebda ordni jew direzzjoni minghand l-attur w ghalhekk, id-danni li qed tillikwida qed jinghataw fid-dawl ta' dak li ntqal.

**Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tilqa it-talba attrici u tiddikjara li l-konvenut immalafama w ingurja r-reputazzjoni u l-unur tal-attur bl-artikolu tieghu li deher fil-gazzett 'Malta Today Midweekly' nhar id-dissgha (9) ta' Lulju 2007, u b'hekk qieghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel zewg ecezzjonijiet u tichad it-tielet eccezzjoni tal-konvenut u tillikwida dawn id-danni fl-ammont ta' sitt mitt euro (EUR 600).**

**Bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------